

32001R1036

L 145/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.5.2001

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1036/2001  
tat-22 ta' Mejju 2001**

**li jipprojbixxi l-importazzjoni ta' tonn alalunga ta' l-Atlantiku li joriġina fil-Belize, il-Kambodja, il-Ginea Ekwatorjali, Saint Vincent u l-Grenadines u l-Honduras**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-riżorsi tas-sajd, li huma riżorsi naturali eżawribbli, ikollhom jiġu mħarsa fl-interess tal-ekwilibriji bijoloġiċi u sigurtà ta' l-ikel globali.
- (2) Fl-1998 il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku (ICCAT), li magħha l-Komunità Ewropea hija Parti Kontraenti, adottat ir-Riżoluzzjoni 98-18 relatata mal-qabdiet mhux rapportati u mhux regolati ta' tonn minn bastimenti bit-tkarkir fuq skala kbira fl-inħawi tal-Konvenzjoni.
- (3) Il-ħażniet relatati ma jistgħux jiġu mmanegġjati effettivament mill-Partijiet Kontraenti ta' l-ICCAT, li s-sajjieda tagħhom huma obbligati li jnaqqsu l-qabdiet tagħhom ta' tonn ta' l-Atlantiku, kemm-il darba l-Partijiet mhux Kontraenti kollha ma jikkoperawx ma' l-ICCAT u jkunu konformi mal-miżuri tagħha ta' konservazzjoni u mmaniġġjar.
- (4) L-ICCAT indikat lill-Belize, il-Kambodja, il-Ginea Ekwatorjali, Saint Vincent u l-Grenadines u l-Honduras bħala l-pajjiżi li l-bastimenti tagħhom jistadu għat-tonn allunga ta' l-Atlantiku b'mod li jnaqqas l-effikaċja tal-miżuri ta' l-organizzazzjoni għall-konservazzjoni tat-tonn, waqt li ssostanzjat is-sejbiet tagħha b'*data* relatata ma' qbid, negozju u l-osservazzjoni ta' bastimenti.
- (5) L-attentati ta' l-ICCAT biex tinkoraġġixxi ħamsa mis-sitt Stati msemmija biex ikunu konformi mal-miżuri għall-konservazzjoni u l-immaniġġjar tal-pixxispad ta' l-Atlantiku ma swew għal xejn. Il-Honduras ingħata aktar żmien biex jagħti provi li qiegħed jikkonforma mal-miżuri ta' konservazzjoni u mmaniġġjar. Bħala konsegwenza, ir-riżultat tal-miżuri tal-pajjiż għandhom ikunu riveduti fil-laqgħa annwali ta' l-2001.
- (6) L-ICCAT irrakkomandat il-Partijiet Kontraenti biex jieħdu miżuri xierqa biex jipprojbixxu oġġetti importati ta' prodotti ta' tonn alalunga mill-Atlantiku li joriġina fil-Belize, il-Kambodja, il-Ginea Ekwatorjali, Saint Vincent u l-Grenadines u l-Honduras. Dawn il-miżuri jitneħħew hekk kif jiġi stabbilit illi l-pajjiżi fil-kwistjoni jkunu għabu l-prattiċi tas-sajd tagħhom konformi mal-miżuri ta' l-ICCAT. Dawn il-miżuri għandhom jiġu implementati mill-Komunità, li għandha l-kompetenza unika f'dan ir-rigward.

(7) Fil-każ ta' prodotti ta' tonn alalunga mill-Atlantiku li joriġinaw mill-Honduras, il-projbizzjoni ta' l-ICCAT għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2002, kemm-il darba l-pajjiż jista' jagħti provi dokumentati fil-laqgħa ta' l-2001 ta' l-ICCAT li l-attivitajiet tas-sajd tiegħu nġiebu konformi mal-miżuri ta' l-immaniġġjar u konservazzjoni ta' l-ICCAT.

(8) Dawn il-miżuri huma kompatibbli ma' l-obbligi tal-Komunità skond ftehim internazzjonali oħra,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Ir-rilaxx fiċ-ċirkulazzjoni libera fil-Komunità ta' tonn alalunga ta' l-Atlantiku (*Thunnus obesus*) tal-kodiċi CN ex 0301 99 90, ex 0302 39 19, ex 0302 39 99, ex 0303 49 41, ex 0303 49 43, ex 0303 49 49, ex 0303 49 90, ex 0304 10 38, ex 0304 10 98, ex 0304 20 45, ex 0304 90 97, ex 0305 20 00, ex 0305 30 90, ex 0305 49 80, ex 0305 59 90, ex 0305 69 90, ex 1604 14 11, ex 1604 14 16, ex 1604 14 18 u ex 1604 20 70 li joriġinaw mill-Belize, il-Kambodja, il-Ginea Ekwatorjali u Saint Vincent u l-Grenadines huwa b'dan ipprojbit.

2. L-inżul fuq l-art tal-prodotti msemmija fil-1 għall-finijiet ta' tranżitu mill-Komunità huwa b'dan ipprojbit.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament ma jkunx japplika għall-kwantitajiet tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) li jistgħu jintwerew għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li kienu fi triqithom għal territorju tal-Komunità fid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu u li huma rilaxxati għal ċirkulazzjoni libera mhux aktar tard minn erbatax-il jum wara dik id-data.

*Artikolu 3*

L-Artikoli 1 u 2 għandhom japplikaw għal tonn alalunga ta' l-Atlantiku (*Thunnus obesus*) taċ-ċifrarji CN ex 0301 99 90, ex 0302 39 19, ex 0302 39 99, ex 0303 49 41, ex 0303 49 43, ex 0303 49 49, ex 0303 49 90, ex 0304 10 38, ex 0304 10 98, ex 0304 20 45, ex 0304 90 97, ex 0305 20 00, ex 0305 30 90, ex 0305 49 80, ex 0305 59 90, ex 0305 69 90, ex 1604 14 11, ex 1604 14 16, ex 1604 14 18 u ex 1604 20 70 li joriġina mill-Honduras.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2001.

L-Artikolu 3 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-22 Mejju 2001.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. WINBERG

---